**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa (7), tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru 2019 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**07.01 Talba**
Omar Farrugia ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**07.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**
Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

**07.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Il-Viċi Sindku kellha diversi korrezzjonijiet għall-minuti tas-seduta preċedenti li kienu mgħoddija lill-kunsillieri mal-Agenda mid-DSE aktar kmieni. Dawn il-minuti kienu mressqa għal vot mis-Sindku u ssekondathom il-Viċi Sindku u għaddew bil-korrezzjonijiet b'kollox b'vot unanimu.

**Punti mill-Minuti:**
Grace Marie Zerafa staqsiet dwar id-*doggy bins*. Id-DSE qal illi hekk kif isir iċ-ċekk se nċemplu lill-kumpanija għaliex dawn jaħdmu *cheque on delivery*.

- Dwar il-latrina pubblika id-DSE qal illi peress li dak tas-CCTV ma setax jgħaddi l-apparat mill-kaptelli li ingħalqu bil-madum fuq ir-rampa tal-latrina, dawn iridu jinfetħu. L-ittri lil min għamel ix-xogħol u l-oħra lill-Perit biex jiċċertifika x-xogħol, inkitbu iżda ma ntbagħtux għaliex l-appuntament bejn il-Perit u l-Avukat għadu ma kienx mogħti. Sadanittant id-DSE kien tkellem mal-Avukat Byron Camilleri biex naraw jekk nistgħux nirrimedjaw. Grace Marie Zerafa qalet illi ma taqbilx li jinqalgħu il-kaptelli tad-drenaġġ li kienu mgħottijin taħt ir-rampa mingħajr awtorizzazzjoni għaliex nistgħu nippreġudikaw il-każ darba għal dejjem. Hija talbet ir-rapport tal-Perit u d-DSE qal illi dan qatt ma ntbagħat. Għaldaqstant il-KLM se jiddelega lis-Sindku sabiex jitkellem mal-Avukat Byron Camilleri dwar dan il-materja.

- Dwar il-kontenituri tal-Bring-in-Site ta' Triq Valletta tal-kumpanija Greenpak fejn kien hemm talba li dawn jiġu spustjati, il-KLM iddeċieda illi dawn jitħallew fejn huma u jinbidlu dawk li hemm miksurin. Il-KLM ma jaqbilx li jinbidlilhom il-post għaliex dan hu post verament ċentrali u li issa indera' wara tant snin u jekk jitmexxew f'xi post ieħor se nnaqqsu l-iskart riċiklat u jkun agħar għalina.

- Grace Marie Zerafa qalet illi mill-*Afternoon Tea* ta' nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru kien hemm qliegħ ta' €387.67 filwaqt li s-somma totali li se tkun ippreżentata lill-*Community Chest Fund* fl-Istrina ta' din is-sena issa laħqet l-ammont ta' €818.72.

- Omar Farruiga ta rendikont tax-xogħlijiet li qegħdin isiru fil-lokalita' minn Infrastruttura Malta bil-ko-operazzjoni tal-Ministeru għall-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Hu qal illi x-xogħlijiet fil-By-Pass mexjin b'ritmu tajjeb ħafna u sa qabel ix-*shut down* tal-Milied li se jkun bejn it-23 ta' Diċembru u it-3 ta' Jannar se jkunu lesti t-trinek kollha fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

- Dwar ix-xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq Karmenu Ciantar is-Sindku nforma lill-kunsillieri illi qed tinħadem l-istima sabiex dawn isiru b'materjal *stencilled concrete* ħalli l-KLM iħallas id-differenza minn konkos normali li joffru huma mingħajr ħlas bħala *standard work method* minn Infrastruttura Malta.

- Kien hemm diskussjoni imqanqla dwar ix-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja għaliex x'ħin se jiġi biex jinqala' eżattament quddiem il-każin tal-Madonna tal-Ġilju se tinħoloq konfuzjoni kbira speċjalment jekk ikun hemm Triq Karmenu Ciantar maqlugħa wkoll. Dan intqal fir-rigward tat-traffiku inkluż it-trasport pubbliku. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi dawn l-affarijiet qed jiġu diskussi fid-diversi *progress meetings* li qed isiru – wieħed fosthom sar illum stess għaliex Fażi 1, jiġifieri quddiem l-uffiċċju parrokkjali hu ttamat li ssir sakemm il-ħaddiema joħorġu bis-*shut down*. Dwar Fażi 2, jiġifieri fi Triq il-Parroċċa, ix-xogħol weħel xi ftit minħabba li mal-main tal-ilma li għaddej f'nofs it-triq daqstant dejqa, iridu jitpoġġew il-katusi ħafna akbar minnhom tal-ilma tax-xita. Dwar Fażi 3, issa intrama' l-*hoarding* quddiem il-każin ta' Santa Marija u qed ikun studjat sal-inqas dettall biex ikun hemm *traffic management* tajjeb anke minħabba l-fatt li dan hu passaġġ important għal Triq il-Karmnu li trid tingħalaq għat-tfal tal-iskola. Fl-aħħar *progress meeting* is-Sindku saħaq ħafna illi x-xogħlijiet kollha jridu jkunu lesti sal-15 ta' Mejju 2020.

- Jonathan Dingli qal illi waqt ix-xogħlijiet fil-*By-Pass*, xi ħadd infurmah illi laqtu l-ħajt ta' Ġnien il-Ġibjun fejn hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Hu qal illi jirriżulta illi dan intlaqat mill-kuntrattur Asfaltar Ltd. Is-Sindku qal illi jaf b'dan kollu u diġa' tkellem mal-Perit Matthew Briffa biex isiru xogħolijiet ta' tiswija.

- Jonathan Dingli talab informazzjoni biex ikun immeppjat ix-xogħol ta' *wires* midfunin taħt l-art fil-*By-Pass* viċin Triq Karmenu Ciantar ħalli f'każ li aktar 'il quddiem fil-*By-Pass* ikun hemm bżonn li jitħaffru xi toqob għall-armar tan-nar tal-art, ma jerġgħux jintlaqtu *cables* bħalma intlaqtu ftit taż-żmien ilu – tal-*Go PLC*.

- Jonathan Dingli talab li ssir *follow up* fuq il-lampa l-ġdida fi Triq il-Barrieri. Talab ukoll li ssir manutenzjoni tajba fi Ġnien Mikelang Sapiano u l-KLM jara x'jista' jsir biex jingħalqu d-daħliet fejn in-nies qed jidħlu bil-kelb tagħhom fil-ħamrija. Hu qal illi nistgħu inżidu *fencing* bil-ħadid mgħawweġ kif hemm diġa' f'parti oħra tal-istess ġnien.

- Jonathan Dingli talab lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-kunsillieri biex jikkunsidraw proposta ħalli jibda' jkun hemm *traffic deviation* għall-karozzi waqt il-ħin li jkun hawn xi funeral fir-raħal għaliex qal illi fil-Pjazza tal-Knisja qed ikun hawn konfużjoni. F'dan il-punt is-Sindku wkoll semma' illi
- waqt il-ħinijiet tal-iskola għandna wkoll problema tat-traffiku u lilu jikkonċernah l-aktar is-sigurta' tat-tfal.

- Jonathan Dingli qal illi rridu nagħmlu xi ħaġa dwar il-venda tat-trasport pubbliku. Omar Farrugia qabel miegħu u d-DSE kien mitlub sabiex jaqla' l-korrispondenza kollha dwar dan is-suġġett. Id-DSE ikkonferma illi kellhom żewġ laqgħat mal-uffiċjali ta' TM f'*A3 Towers* fil-Marsa dwar dan u ma kienu taw l-ebda' żblokk bil-KLM tingħatalu l-proposta illi jitneħħa l-

pakeġġ quddiem il-Każin tal-Madonna tal-Ġilju u ssir venda.

- Owen Sciberras reġa' talab lista tal-kuntatti tal-persuni / entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tiegħu u ta' kull wieħed mill-kunsillieri.

- Henry Zaffarese semma' l-Binja Ħarriġiet (*housing estate* tal-gvern) u qal illi qed jinżel ħafna ilma fil-*basement* ta' din il-binja. Id-DSE qal illi l-KLM għen kemm felaħ lir-residenti anke issa meta saret il-medda tad-drenaġġ il-ġdida li niżlet permezz ta' katusi fil-*basement garage*, billi waħħalna barikati tal-ħadid biex dawn il-katusi ma jintlaqtux minn xi vettura u jerġa' jibda' ħiereġ id-drenaġġ.

- Id-DSE qal illi propju l-bieraħ għadda dokumentazzjoni lill-GAL Xlokk dwar l-applikazzjoni li konna daħħalna biex nippruvaw inġibu fondi ħalli nirrestawraw in-niċċa ta' Triq Santa Katerina.

- Omar Farrugia semma' d-diżastru li kien hemm quddiem iċ-ċimiterju tar-raħal nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru. Hu qal illi qiegħed f'kuntatt ma' Ms Gili Spiteri ta' Greenpak sabiex nippruvaw intellgħu il-filmati u jkunu identifikati l-persuni li abbużaw għal darba oħra minn dan is-servizz. Hawn intqal illi it-trakk tal-iskart ta' resident li joqgħod hemmhekk qed jgħatti ħafna mill-viżta tas-CCTV li ironikament hija mwaħħla mal-faċċata tad-dar tiegħu. Is-Sindku qal li se jiġbidlu l-attenzjoni b'dan kollu.

**07.04 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-ewwel *draft* tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020**

Il-KLM ikkunsidra l-ewwel *draft* tal-Estimi Finanzjarji u ma approvahomx għaliex l-aqwa komponent huwa nieqes – l-Allokazzjoni Finanzjarja Governattiva. Dawn se jkunu ri-ikkunsidrati hekk kif din tkun magħrufa.

Nathan Aquilina telaq mill-kamra fis-6.45pm.

**07.05 Attivitajiet tal-Milied**

Bi preparazzjoni għall-attivitajiet tal-Milied, hemm xi affarijiet li għadhom mhux finalizzati. Dawn huma l-animazzjoni waqt il-*party* tat-tfal li se tkun minn buffu. Kien deċiż illi tintbgħat kartolina fid-djar bħalma sar is-sena l-oħra u fiha jkun hemm l-avviż tal-laqgħa pubblika tal-lokalita'. *Draft* ta' dawn kienu ppreparati mid-DSE u esebiti mis-Sindku fil-laqgħa.

**07.06 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 569.**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 569.

**07.07 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss.**
Il-KLM se jiltaqa nhar is-6 ta' Jannar 2020 u din il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 6.1.20 minn Omar Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku